# B'TIFKIRA
# TAL-FESTA TAĊ-ĊENTINARJU
# TAD-DOMMA TAL-KUNĊIZZJONI IMMAKULATA
# FL-IMQABBA
# 1854 — 1954



REGINĘ SINE LABE ORIGINALI CONCEPTA,
ORA PRO NOBIS.

## FESTI FIL-KNISJA

Fit-12, 13 u 14 ta' Mejju: Tridu solenni.

Fis-7.30 p.m. Għasar, priedka, Regina Coeli, Litanija, Antifona u Barka Sagramentali.

Il-priedki tat-Tridu jsiru minn Patri Salv. Portelli, O.E.S.A.

### Lejlet il-Festa: 15 ta' Mejju.

Fis-7.30 a.m. Quddiesa Kantata u Te Deum.

Fil-5.30 p.m. Translazzjoni bir-Relikwja, Għasar, Regina Coeli, Litanija, Antifona u Barka Sagramentali.

### Nhar il-Festa: 16 ta' Mejju.

Fis-6.30 a.m. Matutin solenni.

Fit-8.30 a.m. Kant ta' Terza u Quddiesa Kantata solenni. Wara l-Vanġelu Patri Fidiel minn Għawdex O.F.M.Cap., jinseġ it-tifħir lil Marija Immakulata. Wara l-Quddiesa, proċessjoni tat-Terza. Fil-11.30 a.m. Quddiesa baxxa.

Fil-5 p.m. Għasar, Kompieta, proċessjoni bl-istatwa tal-Madonna, Antifona, Litanija u Barka Sagramentali.

Il-funzjonijiet tal-Festa jkunu mmexxija mill-Komunità Dumnikana.

Il-mużika tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast F. Diacono.

## SALVE
## MATER PURISSIMA



O MARIJA, SBEJHA, SAFJA,
DAQS IL-ĠILJU TAL-WIDIEN,
WARRAB MINNA L-IĊKEN TEBGĦA:
LILEK NAGĦTU ĠIEH FLIMKIEN.

## FESTI TA' BARRA

Fl-14 ta' Mejju: L-aħħar jum tat-Tridu. Luminazzjoni ġenerali.

### Lejlet il-Festa: 15 ta' Mejju.

Fit-8 p.m. Luminazzjoni ġenerali. Il-Banda "Queen Victoria", taż-Żurrieq, wara marċijiet mat-toroq, iddoqq Programm fil-Pjazza tal-Knisja. Logħob tan-nar.

### Nhar il-Festa: 16 ta' Mejju.

Fit-12.30 p.m. il-"Lily Band" tagħmel marċijiet mat-toroq tar-Raħal.

Fil-5 p.m. il-Baned "Konti Ruġġieru", tar-Rabat u "Union", ta' Ħal Luqa, wara marċijiet mat-toroq prinċipali, idoqqu programm fil-Pjazza tal-Knisja.

# KURUNELLA TA' SIDTNA MARIJA SS.MA KONĊETTA IMMAKULATA

1. Lejna ħares o ħanina
Hawn quddiemek mixħutin,
Bħala wliedek, ifraħ bina,
Allavolja midinbin.
*Ave, Glorja.*

2. Kemm sabiħa għamlek Alla,
Sa mill-bidul'int inħlaqt,
Ħarsek fis, u xejn ma ħalla,
Li tittabba' f'dak il-waqt.
*Ave, Glorja.*

3. Malli nsiru d-dnub jaħtafna,
Dana lilek ma ġarax,
Dak il-għadu li ġarrafna,
Lilek jirbaħ ma setax.
*Ave, Glorja.*

4. Xejn ma kellha x'taqsam [miegħek
dik it-tebgħa ta' kulħadd,
Kollu safi l-bidu tiegħek,
Id-dnub fik ma deher qatt.
*Ave, Glorja.*

5. Allavolja Adam missierek,
Il-ħtija minnu int ma ħadtx,
Lilek kmieni Alla bierek,
U mal-ħażen ma tħallatx.
*Ave, Glorja.*

6. Wera Alla wisq kburija,
Meta għamlek fost in-nies;
U min qatt jista', o Marija,
Talli tak isib il-qies?
*Ave, Glorja.*

7. Fuq il-għolja tal-qdusija,
U ħadd bħalek inti mbdejt,
Ekkda għamlek il-Messija
Meta ħajtek inti bdejt.
*Ave, Glorja.*

8. Id-dawl t'Alla bikri rajtu
Lilu dionk inti ħabbejt
Kif bdejt ħajtek qalbek tajtu
Kif fid-dinja inti ġejt.
*Ave, Glorja.*

9. Meta għamlek żejnek b'ġidu
L-Iben tiegħek il-ħanin,
Lilek waħdek żammek b'idu,
Ma telqekx mal-midinbin.
*Ave, Glorja.*

10. O xi ġmiel u kemm sabiħa,
Inti ġejt f'dina l-art,
Bħala ġilju kollok fwieħa
Kemm nadifa issawwart.
*Ave, Glorja.*

11. Ħudha waħdek dil-foħrija,
Għaliex waħdek inti dehert,
B'din it-tieba hekk bikrija,
Kif xerqitlek meta sirt.
*Ave, Glorja.*

12. Int ismagħna Omm il-ħniena,
Ulied Eva midinbin,
Hi ħassritna u sirna ħżiena,
Lnt qegħidna mat-tajbin.
*Ave, Glorja, Salve.*

*Bis-Sensja tal-Knisja.*

L-Eċċ.za T. Rev.ma Mons. D.P.M. Dei Conti Sant, Arċisqof ta' Rodi u Isqof ta' Malta, b'digriet tas-27 ta' Novembru 1857, jagħti 40 jum Indulġenza lil min igħid bil-qalb din il-Kurunella.

## O MARIJA
## INT L-UNUR TAL-POPLU TAGHNA

EMPIRE PRESS